MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru. 81/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**Versus**

**Noel Borg.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Noel Borg ta’ 30 sena iben il-mejjet John u Josephine nee Abela mwieled il-Pieta’ fit-2 ta’ Jananr 2009 u joqgħod 151 Triq Santa Marija, Żejtun u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 34079 (M)

Akkużat talli fit-30 ta’ Jannar 2009 u tliet xhur qabel din id-data f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin ukoll jekk fi

żminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħar ma kien awtroizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll interna ta-ddrogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Mlata li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordiananza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzju jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni dd-roga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma keinx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kiexn b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skodn ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontoll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kinitix għall-użu esklussiv tiegħu.**

**Liema reat sar f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ;**

Il-Qorti ntalbet ukoll biex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9.

Il-Prosekuzzjoni kienet tablet lissir il-konfiska tal-vettura iżda wara li saret talba mid-difiża sabiex din tkun rilaxxjata minħabba li ma ntużatx fl-allegat reat, il-Prosekuzzjoni ma oġġezzjonatx u l-Qorti awtorizzat lill-imputat jeħodha lura.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2009 kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu fis-seduta tas-6 ta' Frar 2009 liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata żmien biżżejjed biex jaħsibha.

Stante din l-ammissjoni l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

Semgħet ix-xhieda tal-Ispettur Alexander Grech.

Rat l-istqarrija tal-imputat a fol.16 kif ukoll l-istqarrija l-oħra li tidher a fol. 17. F'dan iż-żewġ stqarrijiet l-imputat ma weġibx għal ħafna mid-domandi. F'dik a fol 17 huwa qal li kien ilu drug addict għal 15-il sena iżda kien hemm xi xhur fejn huwa kien clean. Fl-aħħar sentejn kien clean iżda kien reġa' waqa' u issa kien ilu madwar xahrejn. Huwa kien jieħu żewġ jew tliet pakketti kull jum.

Semgħet ukoll lill-abbli avukat difensur jissottometti li l-imputat ilu addict u li l-imputat ghandu bżonn ta' attenzjoni biex joħroġ mill-vizzju.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli

22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) kif ukoll il-proviso dwar id-distanza li jinsab taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii)- kollha tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet bl-aggravju dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Dwar il-piena, l-Qorti kkonsidrat li l-imputa ammetta fit-tieni dehra tiegħu (l-ewwel waħda wara l-preżentata). Qieset ukoll dak li kienet qalet il-Probation Officer dwaru f'każ ieħor. Min-naħa l-oħra f'dawn l-imputazzjonijiet hemm ukoll inkluż l-aggravju tad-distanza. L-imputat instab b'sittax-il qartas fuqu.**

Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal ħdax-il xahar priġunerija kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas b'rata ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska tal-flus li nstabu fuq l-imputat.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**Il-Qorti qed tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jagħtu kulll għajnun possibbli lill-imputat biex ikompli jew jerġa' jibda programm ta' riabilitazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------